**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2017**

Numru 3

**Rikors Nru. 16/2015**

**Angela sive Gina Balzan**
**vs**
**L-Onorevoli Prim Ministru; L-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali; L-Avukat Generali; u Amanda u Marie Chantal Aloisio**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-6 ta' Frar 2015 li jghid hekk:

1. ILLI l-esponenti kienet akkwistat taht termini u kundizzjonijiet identici, bis-sahha ta' erba' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Spiteri maghmula fi granet differenti, u b'titolu ta' donazzjoni minghand Salvatore Bezzina, is-sub-dirett dominju temporanju u sub-cens relattiv ta' Lm113 (illum €263.22) fis-sena kif imposti fuq kull wiehed mill-appartamenti bin-numri 1, 2, 3 u 4, liem appartamenti huma formanti parti minn blokk tal-istess erba' appartamenti u tlett garaxxijiet jew mhazen bla numru, maghrufa bhala Blokk A, u formanti parti minn blokka ta' bini akbar bla numru u bl-isem "Saint Julian's Court", Triq Manwel Dimech, gja Prince of Wales Road, San Giljan, ghaz-zmien li kien fadal ta' circa 31 sena ohra mill-koncessjoni sub-enfitewtika originali li saret fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino tal-14 ta' Gunju 1957, flimkien mad-dritt ta' reversjoni ghan-nuda proprjeta u cjoe l-konsolidazzjoni tal-utili dominju mad-dirett dominju wara l-iskadenza tal-koncessjoni sub-enfitewtika fuq imsemmija;

2. ILLI l-esponenti akkwistat l-appartament bin-numru 3 bil-mod gja spjegat u li dwaru qieghda tigi ntavolata din il-kawza permezz tar-rikors promutorju odjern, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Spiteri datat 21 ta' Ottubru 1972 (kopja hawn annessa DOK: A);

3. ILLI permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino datat 14 ta' Gunju 1957 (kopja hawn annessa DOK: C), l-imsemmi korp ta' 52 appartament bl-isem "St Julian's Court", inkluzi allura l-erba' appartamenti hawn fuq deskritti kienu gew koncessi b'titolu ta' enfitewsi temporanja lis-Servizzi Inglizi ghal 45 sena, b'effett mid-data tal-att u liema perjodu kien jaghlaq fit-13 ta' Gunju 2002;

ILLI l-klawsola numru 12 tal-imsemmi kuntratt ta' enfitewsi temporanja kienet taqra bil-mod testwalment segwenti:
"The present sub-emphyteusis is stipulated for a period of forty-five (45) years from this day, provided, however, that the Admiralty reserve the right, to which the Grantors agree, to determine this concession and restore the site with all the buildings thereon to the Grantors or their successors at the end of the twenty-first, or the twenty-eighth, of the thirty-fifth, or the forty-second year, to run from today, by giving the Grantors six months' previous notice in writing before the expiration of anyone of the aforesaid periods, of their intention to terminate the present sub-emphyteusis.";

ILLI minkejja li s-Servizzi IngIizi offrew Ii jirrilaxxjaw din il-blokka bini favur is-sub-direttarji, inkluza l-esponenti, u dan ai termini tal-klawsola numru 12 sucitata, il-Gvern ta' Malta, billi rritjena li Malta kellha bzonn ta' izjed holiday flats u wara pressjoni fuq l-istess Servizzi IngIizi, akkwista f'ismu, permezz ta' cessjoni gratis fl-atti tan-nutar Principali tal-Gvern datata 5 ta' Dicembru 1977 l-istess korp ta' bini surriferit;

4. ILLI b'titolu ta' cessjoni datat l-1 ta' Settembru 1978 (kopja hawn annessa u mmarkata DOK: D), il-Gvern ta' Malta ghadda ghal skopijiet ta' amministrazzjoni dan il-korp ta' bini Iis-socjeta Holiday Services Company Limited ghall-uzu esklussiv ta' barranin li jzuru Malta. Iktar tard, permezz ta' risoluzzjoni parlamentari u modifika tal-kuntratt originali bis-sahha ta' kuntratt sussegwenti datat 24 ta' Awwissu 1983 (kopja hawn annessa u mmarkata DOK: E), l-imsemmija socjeta giet mehlusa minn din il-kundizzjoni originali li taghmel uzu minn dawn l-appartamenti biex takkomoda esklussivament barranin u ghaldaqstant kull appartament gie trasferit lil cittadini Maltin b'titolu ta' sub-cens temporanju ghaz-zmien li kien ghad fadal mill-koncessjoni sub-enfitewtika temporanja originali ghal hamsa u erbghin (45) sena li bdew jiddekorru mill-14 ta' Gunju 1957 bl-obbligu li l-akkwirenti Maltin ihallsu pagament originali ta' bejn elfejn u tlett elef liri Maltin u b'awment fic-cens annwu ta' bejn tnax-il lira Maltin fir-rigward ta' tlett appartamenti b'zewgt ikmamar tas-sodda, u tnejn u ghoxrin lira Maltin fir-rigward tal-appartamenti rimanenti ta' tlett ikmamar tas-sodda;

5. ILLI bis-sahha ta' erba' kuntratti maghmula fi granet differenti b'termini u kundizzjonijiet identici, is-sub-utili dorninju temporanju rispettiv ta' kull wiehed mill-erba' appartamenti proprjeta tal-esponenti gie akkwistat minghand is-socjeta Holiday Services Company Limited ghaz-zmien Ii kien fadal mill-koncessjoni ta' sub-enfitewsi temporanja ghal 45 sena li bdew jiddekorru mill-14 ta' Gunju 1957 minn persuni differenti;

6. ILLI l-aventi kawza tal-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio akkwista s-sub-utili dominju temporanju tal-imsemmi appartament numru 3 fi Blokk A mill-istess korp ta' bini hawn fuq deskritt bil-mod gja spjegat bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Carmel Martinelli datat t-18 ta' Ottubru 1984 (kopja hawn annessa u mmarkata DOK: B);

7. ILLI fit-13 ta' Gunju 2002, stante l-gheluq tac-cens temporanju kif hawn fuq deskritt, il-korp tal-bini flimkien mal-benefikati tieghu rriverta lura lis-sub-direttarji liberu u frank ai termini tal-istess att ta' koncessjoni u skond il-ligi. Fil-fatt, l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar [Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta] anqas ma kienet tapplika fir-rigward tal-bini de quo u dan kif ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet AIC Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi proprio kif ukoll bhala prokuratrici tal-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi u Greta mart Anthony Bartolo Parnis u okkorrendo l-istess zwieghom vs Avukat Generali u Anthony Cachia deciza fil-15 ta' Mejju 2006;

8. ILLI, ghalhekk, permezz ta' erba' ittri ufficjali lkoll datati 15 ta' Novembru 2006, l-esponenti kienet debitament interpellat lill-okkupanti rispettivi ta' kull wiehed mill-erba' appartamenti proprjeta taghha, inkluz lill-aventi kawza tal-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio, Carol-Ann Micallef Eynaud, sabiex jirrilaxxjaw l-appartament fil-pussess rispettiv taghhom u dan stante l-gheluq tac-cens temporanju fit-13 ta' Gunju 2002;

9. ILLI ciononostante, l-okkupanti rispettivi ta' kull wiehed mill-erba' appartamenti proprjeta tal-esponenti, inkluza l-aventi kawza tal-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio, baqghu inadempjenti u baqghu jokkupaw il-fondi rispettivi kif akkwistati minnhom illegalment u abbuzivament stante l-gheluq tac-cens temporanju fl-14 ta' Gunju 2002 u l-konsegwenti reversjoni tal-proprjeta f'idejn l-esponenti bhala sub-direttarja;

10. ILLI in vista ta' dan, l-esponenti intavolat erba' rikorsi guramentati kontra l-okkupanti rispettivi ta' kull wiebed mill-erba' appartamenti proprjeta taghha fejn permezz taghhom intalab li l-Qorti tiddeciedi billi tordna lill-imsemmija okkupanti jizgombraw mill-appartamenti rispettivi okkupati minnhom fi zmien qasir u perentorju u dan peress illi kienu qeghdin jokkupaw l-appartamenti surriferiti minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

11. ILLI r-rikors guramentat li gie ntavolat mill-esponenti kontra l-aventi kawza tal-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio kien dak bin-numru 289/2007AL, u permezz tieghu ntalab li l-Qorti tiddeciedi billi tordna li l-imsemmija terza tizgombra mill-appartament okkupat minnha, u cjoe mill-appartament numru 3, fi zmien qasir u perentorju u dan peress illi kienet qieghda tokkupa l-istess appartament minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

12. ILLI matul il-kors ta' dawn il-proceduri, il-Parlament Malti ghadda l-Att Numru XVIII tal-2007 li wassal ghall-emenda tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar biz-zieda tal-artikolu 12A li jipprovdi fir-rigward ta' sub-enfitewsi bhal dik in ezami li ma tkunx wabda li l-effetti tat-tmiem taghha jkunu regolati bl-artikolu 12(2)(a) jew (b) jew bl-artikolu 12(4) jew 12(5) u meta l-enfitewta jew is-sub-enfitewta jkun jokkupa d-dar ta' abitazzjoni bhala r-residenza ordinarja tieghu dan "*jkollu l-jedd li jibqa' jokkupa d-dar ta' abitazzjoni taht kirja minghand il-persuna li tkun id-detentur tal-enfitewsi jew subenfitewsi precedenti bl-istess kera u taht l-istess kondizzjonijiet applikabbli skond l-artikolu 12(2)(i) u (ii) li ghandhom japplikaw mutatis mutandis*" (enfasi mizjuda);

13. ILLI ghalhekk l-esponenti pprezentat rikors kostituzzjonali fl-ismijiet Angela sive Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u Brian u Cecilia konjugi Bajada (Rikors numru 15/08GCD) b'referenza ghall-appartament numru 1, li wkoll kien qieghed jigi uzat u okkupat b'mod illegali u abbuziv mir-residenti rispettivi tieghu, u ghal dak kollu diga espost, u talbet lill-Qorti li kienet qieghda tisma' l-kawza ntavolata kontra l-aventi kawza tal-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio, sabiex tiddifferixxi l-istess kawza sine die, riappuntabbli biss wara li jigi determinat l-ezitu tal-istess rikors kostituzzjonali;

14. ILLI l-imsemmi rikors kostituzzjonali gie deciz b'mod finali mill-Qorti Kostituzzjonali bhala qorti tal-appell fis-7 ta' Dicembru 2012 permezz ta' sentenza fl-ismijiet Angela sive Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u Brian u Cecilia konjugi Bajada (kopja hawn annessa u mmarkata DOK: F);

15. ILLI permezz ta' dik is-sentenza fir-Rikors numru 15/08GCD, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dak li ddecidiet il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza taghha moghtija in prim istanza fil-11 ta’ Ottubru 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata DOK: G) bl-istess ismijiet, u cioe "illi l-applikazzjoni tal-art. 12A tal-Kap. 158 ghall-proprjeta tal-attrici msemmija fir-rikors tikser il-jeddijiet taghha mharsa taht l-art. 1 tal-Ewwel Protokol" u dan b'referenza ghall-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal- Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif jinsab dedott fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta];

16. ILLI permezz tal-istess sentenza fir-Rikors numru 15/08GCD u b'referenza ghas-sentenza taghha tal-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet Gerald Montanaro Gauci et vs Direttur Akkomodazzjoni Socjali et, il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet illi "ir-rimedju ghandu jkun ta' kumpens, kif del resto jipprovdi l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-uniku ligi li nstab li gie miksur";

17. ILLI il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2012 fir-Rikors numru 15/08GCD, u b'referenza ghas-sentenza moghtija fil-15 ta' Settembru 2009 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Amato Gauci vs Malta iddecidiet ukoll illi "*il-ligi ghandha titqies applikabbli ghall-kaz, izda peress li fl-istess ligi jezistu nuqqasijiet procedurali biex jinholoq bilanc gust, irid jinghata kumpens adegwat lis-sid halli 'jinholoq' dan il-bilanc*" u dan breferenza ghall-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar;

18. ILLI l-istess Qorti Kostituzzjonali fir-Rikors numru 15/08GCD kkunsidrat li l-kera dovuta lill-esponenti mill-okkupanti, intimati fil-kawza in kwistjoni, in konsiderazzjoni tal-okkupazzjoni taghhom tal-appartament numru 1 u ai termini tal-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar hija dik ta' €490.59 fis-sena, waqt li l-valur lokatizju tal-fond kif stmat mill-perit tekniku appuntat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) in prim istanza huwa dak ta' €7,000 fis-sena, u ghamlet il-konsiderazzjonijiet testwalment segwenti:
*"Hu obbligu tal-Gvern li johloq bilanc gust bejn l-interess tac-cittadin li jkollu fejn jghammar, u l-interess tas-sid li jiehu gwadan gust mill-proprjeta tieghu. Jekk il-*

*Gvern sejjer hu jimponi residenza go fond, irid johloq mekkanizmu biex jara li l-interess tas-sid ma jkunx ippregjudikat.*
*[...]*
*F'dan il-kaz, il-mekkanizmu li holoq il-Gvern iwassal ghall-kumpens li hu ferm 'il boghod mill-kumpens li tkun intitolata ghalih ir-rikorrenti kieku thalliet tpoggi l-appartament taghha ghal kera fis-suq. Kwindi, il-mekkanizmu li holoq il-Gvern, f'dan il-kaz, falla u ma tax rizultat li jirrispekja d-dritt ta' proprjeta tar-rikorrenti ... L-aspett socjali ta' ligi trid tigi evalwata mill-Gvern u sta ghall-Gvern jara li ligi, applikabbli erga omnes, twassal ghal-konsegwenzi mixtieqa, pero, fejn se jigu aggevolati klassi ta' persuni f'sitwazzjoni partikolari, il-Gvern irid jara li ma tbatix klassi ohra ta' cittadin, u il-htiega ta' bilanc gust.*";

19. ILLI l-Qorti Kostituzzjonali fir-Rikors numru 15/08GCD, wara li qieset ukoll illi l-esponenti kienet ilha mill-2002 ma tiehu kumpens adegwat ghall-uzu tal-appartament numru 1 li kien qieghed isir mill-okkupanti rispettivi tieghu, illikwidat is-somma ta' sittin elf ewro (€60,000) li kellha tithallas mill-Gvern kif rapprezentat f'dik il-kawza mill-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u dan bhala sodisfazzjon xieraq ai termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ta' li gie lez lilha d-dritt taghha ta' proprjeta kif protett mill-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

20. ILLI wara li gie interpellat permezz ta' protest gudizzjarju ppresentat fl-4 ta' Ottubru 2013 (vera kopja hawn annessa u mmarkata DOK: H), il-Gvern hallas lill-esponenti s-somma ta' sittin elf, erba' mija u hames ewro u tnejn u disghin centezmu (€60,405.92) rapprezentati l-imsemmija somma llikwidata mill-Qorti Kostituzzjonali limitatament fir-rigward tal-appartament numru 1, u l-ispejjez tal-kawza, u dan skond remittance advice mahruga mill-intimat Avukat Generali datata 31 ta' Dicembru 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata DOK: I);

21. ILLI minkejja li s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali surriferita kienet tirrigwarda biss appartament wiehed mill-erba' appartamenti proprjeta tal-esponenti li jinsabu go Blokk A gewwa "St Julian's Court", Triq Manwel Dimech, St Julian's, u cjoe l-appartament numru 1, l-esponenti hija tal-umli fehma illi l-istess principji u rimedji kif enuncjati f'dik is-sentenza, ghandhom japplikaw ukoll ghall-appartament numru 3 mertu tal-kawza de quo kif okkupat illegalment u abbusivament sal-gurnata tal-lum mill-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio;

22. ILLI dan qieghed jinghad mhux biss ghaliex permezz tas-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2012 fir- Rikors numru 15/08GCD, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar tikser id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif mharsa taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, izda wkoll billi huwa evidenti, anke minn dak kollu diga espost, illi l-mertu tal-kawza odjerna huwa identiku ghall-mertu tal-kawza li dwarha l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza taghha;

23. ILLI ghalhekk, l-esponenti permezz tal-protest gudizzjarju tal-4 ta' Ottubru 2013 suriferit, interpellat ukoll lill-intimat l-Onorevoli Prim Ministru sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tal-kumpens dovut lilha bhala sodisfazzjon xieraq ai termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-

appartament numru 3 ghall-medda ta' ghaxar snin, u cjoe bejn l-2002 u l-2012, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar gew miksura d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif mharsa taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fil-konfront taghha minhabba l-okkupazzjoni illegali u abbusiva tal-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio u l-aventi kawza taghhom ghal dak il-perjodu, u dan skond il-kalkoli kif addottati mill-Qorti Kostituzzjonali sabiex jigi llikwidat il-kumpens dovut bhala sodisfazzjon xieraq fir-rigward tal-appartament numru 1, u sabiex jigu evitati l-proceduri odjerni;

24. ILLI l-Onorevoli Prim Ministru baqa' inadempjenti f'dan ir-rigward u anqas ma ha passi sabiex tigi rrimedjata l-ingustizzja mahluqa b'dak li llum huwa l-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar, u cjoe qatt ma holoq mekkanizmu kif deskritt mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2012, u ghalhekk, d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif mharsa taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll baqghu u jibqghu jigu lezi mill-esponenti bl-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar ghas-snin kollha sussegwenti l-2012;

25. ILLI ghalhekk l-esponenti qatt ma nghatat rimedju effettiv ai termini tal-artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea sabiex tkun tista' tigi mhallsa l-kumpens pretiz minnha ai termini tal-artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba l-uzu u l-okkupazzjoni tal-appartament in kwistjoni proprjeta taghha mill-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio u/jew mill-aventi kawza taghhom, liem uzu u okkupazzjoni ghadhom jissussistu sal-gurnata tal-lum, u cjoe sentejn wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Angela sive Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru. l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u Brian u Cecilia konjugi Bajada;

26. ILLI l-artikolu 37(1)(b) u (c) jiddelinejaw bl-iktar mod car li r-rimedju effettiv li bih persuna li qieghda tivvanta dritt ta' kumpens bil-mod kif qieghda taghmel l-esponenti ghandu jkun id-dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf mill-ligi u moghti s-setghat necessarji ghall-iskopijiet kif dedotti fl-istess sub -incizi tal-ligi, u gbalhekk kompla jigi lez lilha d-dritt ta' smigh xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ai termini tal-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;

27. ILLI kif gja espost, b'applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar, l-uzu u l-okkupazzjoni tal-proprjeta tal-esponenti mill-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio ghadhom jissussistu sal-gurnata tal-lum, u dan minghajr ebda kumpens da parti tal-istess intimati ghat-telf kollu soffert u li ghadu jrid jigi soffert mill-esponenti, u ghalhekk, kif iddecidiet il-Qorti Kostitizzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2012, ghadu wkoll qieghed jigi lez id-dritt ta' proprjeta tal-esponenti kif protett mill-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall- Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;

28. ILLI l-Onorevoli Prim Ministru anqas ma wiegeb ghall-interpellanzi tal-esponenti sabiex jintlahaq ftehim ghar-regolazzjoni ta' kumpens xieraq ghall-esponenti ghal kull sena ohra futura illi fiha l-istess appartament proprjeta tal-esponenti, jibqa' jigi okkupat mill-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio;

GHALDAQSTANT, u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, jghidu l-intimati ghaliex ma ghandhiex l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

I. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-principji u rimedji kif enuncjati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha moghtija fis-7 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet Angela sive Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u Brian u Cecilia konjugi Bajada (Rikors numru 15/08GCD), ghandhom japplikaw ukoll ghall-appartament numru 3 ghall-medda ta' ghaxar snin, u cjoe bejn l-2002 u l-2012, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar gew miksura d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif mharsa taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-esponenti minhabba l-okkupazzjoni illegali u abbusiva tal-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio u/jew l-avventi kawza taghhom ghal dak il-perjodu;

II. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas da parti tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali li jipprovdu rimedju effettiv ta' kumpens ghall-privazzjoni taghha mill-fond in kwistjoni proprjeta taghha ghas-snin segwenti l-2012, qieghed jilledi d-dritt taghha ghal rimedju effettiv ai termini tal-artikolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta], id-dritt taghha ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens ai termini tal-artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll id-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possediment taghha ai termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt taghha ta' sodisfazzjon xieraq ai termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

III. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas da parti tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali li jipprovdu rimedju effettiv sabiex l-esponenti tkun tista' tivvanta l-pretensjonijiet taghha ghall-kumpens bil-mod kif iddelinejat fl-artikoli 37(1)(b) u (c) jew b'xi rimedju idoneju iehor, qieghed jilledi d-drittijiet taghha ghal smigh xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ai termini tal-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta];

IV. Tiddikjara u tiddeciedi li l-uzu u l-okkupazzjoni tal-proprjeta tal-esponenti mill-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio u/jew in-nuqqas da parti tal-istess intimati milli jhallsu lill-esponenti kumpens xieraq ghat-telf kollu soffert u li ghadu jrid jigi soffert minnha minhabba l-uzu u l-okkupazzjoni tal-istess intimati tal-proprjeta tal-esponenti, qeghdin jilledu d-dritt tal-esponenti ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens ai termini tal-artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll id-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possediment taghha ai termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt taghha ta' sodisfazzjon xieraq ai termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

V. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas da parti tal-Onorevoli Prim Ministru u tal-Onorevoli Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali li jersqu ghal ftehim sabiex jigi rregolat il-kumpens xieraq dovut lill-esponenti ghal kull sena ohra futura illi fiha l-istess appartament proprjeta tal-esponenti, jibqa' jigi okkupat mill-intimati Amanda u

Marie Chantal Aloisio, qieghed jilledi d-dritt taghha ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens ai termini tal-artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll id-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possediment taghha ai termini tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt taghha ta' sodisfazzjon xieraq ai termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

VI. Tillikwida l-kumpens dovut lill-esponenti bhala sodisfazzjon xieraq ai termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem rigward l-appartament numru 3 b'effett mit-13 ta' Gunju 2002, minn liema data, bl-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar gew miksura d-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali kif mharsa taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-esponenti u dan skond il-principji u rimedji kif enuncjati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha moghtija fis-7 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet Angela sive Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u Brian u Cecilia konjugi Bajada;

VII. Tikkundanna lill-intimati l-Onorevoli Prim Ministru u/jew l-Onorevoli Ministru ghall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali jhallsu l-kumpens hekk illikwidat;

VIII. Taghti dawk ir-rimedji kollha ohra opportuni u effettivi, inkluz jekk ikun hemm il-htiega li tigi dikjarata nulla jew inapplikabbli fil-kaz in ezami il-ligi, inkluz l-art. 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta 'in parte' jew 'in toto', u konsegwentement l-izgumbrament tal-intimati Amanda u Marie Chantal Aloisio mill-appartament in kwistjoni u dan b'rizerva ghall-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti mill-esponenti bhala konsegwenza ta' dan.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tal-4 ta' Ottubru 2013.

Rat ir-risposta tal-Onorevoli Prim Ministru, tal-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali u tal-Avukat Generali li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali ma kellhomx ghalfejn jitharrku f'dawn il-proceduri skont l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Ladarba l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett kontra l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, kien sufficjenti li l-proceduri odjerni jigu istitwiti biss kontra l-esponent Avukat Generali kif diga konfermat b'mod konsistenti mill-gurisprudenza. Isegwi ghalhekk li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-esponenti jirrespingu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonjiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li sejrin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal-xulxin:

Dwar l-Ewwel Talba

3. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti hija legalment insostenibbli ghaliex sentenzi dwar inkompatibilita ta' ligijiet ma' drittijiet fundamentali jaghmlu stat biss bejn il-partijiet fil-kawza u mhux erga omnes. Ghalkemm uhud mill-partijiet f'dawn il-proceduri kienu

wkoll prezenti fil-proceduri Rik. Nru. 15/08 fl-ismijiet Angela sive Gina Balzan vs Onorevoli Prim Ministru et, madankollu l-oggett ta' dik il-kawza u t-talbiet hemmhekk maghmula kienu differenti mill-oggett u t-talbiet dedotti f'din il-kawza. Ghalhekk ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li dawn il-proceduri ghandhom jigu decizi bl-istess mod bhall-proceduri Rik. Nru. 15/08. Wara kollox kull kawza ghandha l-fattispecje u c-cirkustanzi partikolari taghha u inoltre f'dan il-kaz hemm intimati godda li ma kienux prezenti fil-proceduri Rik. Nru. 15/08;

4. Illi multo magis, il-Qorti Kostituzzjonali f'sentenzi aktar ricenti tbieghdet mill-interpretazzjoni li kienet tat fis-sentenza Rik. Nru. 15/08, b'dana li mhuwiex daqshekk skontat li dan il-gudikat ghandu jigi segwit fuq l-istregwa tal-principju auctoritas rerum similiter iudicatarum;

5. Illi imbilli fil-kaz Rik. Nru. 15/08 gie dikjarat li kien hemm lezjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma jfissirx b'daqshekk li r-rikorrenti hija ezonerata milli tipprova li f'dan il-kaz ukoll hemm ksur tal-istess artikolu fil-konfront tal-appartament numru 3 fil-perijodu ta' bejn is-sena 2002 u l-2012;

6. Illi jigi rilevat li safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq l-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, ghandu jinghad li skont il-proviso ta' dan l-istess artikolu, l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta skont l-interess generali. F'dan is-sens huwa maghruf fil-gurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x'inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-interess generali;

Hekk per ezempju fir-rapport tal-Kummissjoni fil-kaz Connie Zammit et vs. Malta [App. Numru 16756/90] tat-12 ta' Jannar 1991, gie osservat li, li “the Court has found no violation of the Convention in cases where the State has adopted measures in the field of housing regulations where a more far-reaching interference with property rights was involved. Thus in James and others (Eur. Court. H.R., James and Others judgment of 21 February 1986, Series A no. 98) the leaseholders were accorded a statutory right to acquire the property from the owners, while in Mellacher and others (Eur. Court. H.R., Mellacher and Others judgement of 19 December 1989, Series A no. 169) the legislation constituted an inducement to the leaseholder not to comply with the terms of a previously validly contracted tenancy agreement";

Illi fil-fehma tal-esponenti mizuri socjali implimentati biex jipprovdu dar ta' abitazzjoni lin-nies fil-bzonn jaqghu fil-kappa tal-interess generali. Taht dan il-profil l-artiklolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta mdahhal fis-sistema legali permezz tal-Att numru XVIII tal-2007, li huwa mahsub biex jipprotegi persuni milli jigu mkeccija mid-dar tal-abitazzjoni taghhom f'gheluq it-terminu koncess lilhom fil-kuntratt tal-enfitewzi jew sub-enfitewzi, ma jistax jigi klassifikat bhala wiehed mhux legittimu jew mhux fl-interess generali;

Ghalhekk meta wiehed iqis li dawn l-emendi kienu gew introdotti bi skop li l-Gvern jimplimenta l-politika tieghu socjali u ekonomika fil-qasam tal-akkomodazzjoni, l-esponenti ma jarawx li l-artikolu 12A ghandu jitqies li jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem kif imhares bil-Konvenzjoni Ewropea;

7. Illi stabbilit li l-artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu ghanijiet legittimi u huwa fl-interess generali, b'dana li ma hemm xejn hazin taht il-Konvenzjoni Ewropea, li l-ligi Maltija tiddisponi li f' gheluq subenfitewzi temporanja l-okkupant li jkun qed juza' dik id-dar bhala r-residenza tieghu ghandu jithalla fid-dar taht titolu ta' kera;

8. Illi dwar l-ilment marbut tal-isproporzjon fil-kera, jigi rilevat ulterjorment li bl-introduzzjoni tal-Att X tal-2009 viz. l-artikolu 39(4)(A), il-valur tal-kera beda joghla kull tlett snin skont l-artikolu 1531C tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Hawnhekk wiehed ma jridx jinsa li meta jkun hemm prezenti ghanijiet legittimi mehuda fl-interess pubbliku, bhalma huwa f'dan il-kaz, il-kumpens dovut lis-sidien minhabba l-indhil fit-tgawdija ta' gidhom. jattira ammont li jkun ferm inqas mill-valur shih tas-suq;

9. Illi inoltre, meta wiehed jigi biex jevalwa l-element tal-proporzjonalita wiehed irid iqis ukoll li l-protezzjoni tal-kera taht l-artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet mhijiex perpetwa u kif ukollli t-tiswijiet kollha li jolqtu l-post imissu biss lill-okkupant u mhux lis-sid;

10. Illi ghalhekk meta wiehed jizen dan kollu, ir-rikorrenti ma hijiex gustifikata fl-ewwel talba taghha minhabba li ma garrbet l-ebda ksur tal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

Dwar it-Tieni Talba

11. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett mill-perijodu tal-2012 'il quddiem, l-esponenti jeccepixxu li r-rikorrenti ma tistax tippretendi li tikseb dikjarazzjoni gudizzjarja ghal dak li ghad irid jigri fil-futur. Din l-Onorabbli Qorti hija limitata li tiddeciedi biss sal-prezent u mhux li tispekula fuq il-gejjieni li wara kollox ghadu mistur;

12. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, dan huwa ghal kollox improponibbli, ghaliex dan l-artikolu jghodd biss meta jkun hemm tehid obbligatorju tal-proprjeta. Tassew sabiex wiehed jista' jitkellem dwar tehid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tigi svestita minn kull dritt li ghandha fuq dik il-proprjeta bhal meta jkun hemm ordni ta' esproprijazzjoni ta' xiri dirett. Pero dan mhuwiex il-kaz hawnhekk, ghaliex bit-thaddim tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta r-rikorrenti ma tilfitx ghal kollox il-jeddijiet kollha fuq il-gid inkwistjoni. Il-mizura msemmija fil-ligi li qed tigi attakata mir-rikorrenti, ghalkemm ma hemmx dubbju li din tikkostitwixxi ghamla ta' kontroll fl-uzu u fit-tgawdija tal-proprjeta, madankollu tali mizura ma twassalx ghal deprivazzjoni totali tal-propjeta. Isegwi ghalhekk li l-ilment tar-rikorrenti ma huwiex kopert fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement ghandu jigi michud;

13. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dan huwa wkoll koncettalment hazin, ghaliex dawn il-proceduri kostituzzjonali stess ghandhom is-sahha li jaghtu rimedju lir-rikorrenti jekk jinstab li verament gew miksura lilha xi drittijiet li huma mharsa taht il-Konvenzjoni Ewropea;

L-artikolu 13 ma jezigix xi procedura partikolari dwar kif ghandu jinghata r-rimedju. L-importanti huwa li jinghata rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali. Fil-fehma tal-

esponenti din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali taghha hija awtorita nazzjonali li tista' taghti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li sehhew infrazzjonjiiet konvenzjonali;

Fuq kollox imbaghad wiehed ma jridx jinsa li r-rikorrenti qieghda tattakka s-siwi u l-applikazzjoni tal-ligi. b'dan ghalhekk li hija ma tistax tippretendi li azzjoni bhal din ma tkunx fil-forum kostituzzjonali;

14. Illi fl-ahharnett ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, jghoddu l-istess eccezzjonijiet maghmula fil-paragrafi 5 sa 9;

15. Illi ghaldaqstant l-ebda dikjarazzjoni ta' sodisfazzjoni xieraq ma ghandu jinghata lir-rikorrenti skont l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Dwar it- Tielet TaIba
16. Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jissottomettu li dawn l-artikoli jipprovdu ghall-garanziji procedurali u li fl-ebda parti mir-rikors promotur ma hemm xi accenn kif dawn l-artikoli gew miksura. F'kull kaz il-garanziji ta' smigh xieraq tar-rikorrenti qatt ma gew mittiefsa u bhala konsegwenza dan l-ilment tar-rikorrenti ghandu wkoll jigi michud;

17. Illi jerga' jigi mtenni ulterjorment li l-invokazzjoni tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni hija minghajr bazi ghaliex f'dan il-kaz hadd ma ha b'mod forzuz il-proprjeta tar-rikorrenti kif ga spjegat fis-suespost;

18. Illi finalment huwa mhuwiex minnu li r-rikorrenti ma ghandhiex rimedju effettiv fil-ligi taghna sabiex tigi kkumpensata minhabba lezjoni tad-drittijiet taghha fuq il-proprjeta. Tabilhaqq jekk l-ilmenti konvenzjonali tar-rikorrenti jigu pruvati, dawn il-proceduri jistghu jaghtu lir-rikorrenti dawn ir-rimedji li qeghda tfittex;

Dwar ir-Raba' TaIba
19.Illi din it-talba ghandha tigi michuda minhhabba li ma hemm ebda sitwazzjoni ta' ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew taI-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

20. Illi inoltre, ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li tircievi dikjarazzjoni gudizzjarja dwar telf ta' kumpens xieraq li ghadu ma sehhx. Inkwantu tali talba hija ipotetika u spekulattiva din ma ghandhiex tigi milqugha;

Dwar iI-Hames TaIba
21. Illi din it-talba hija tista' tghid ripetizzjoni tat-talba precedenti u ghalhekk ghall-istess ragunijiet imsemmija fis-suespost, din ma ghandhiex ikollha ezitu favorevoli ghar-rikorrenti;

Dwar is-Sitt u s-Seba' TaIba
22. Illi dawn it-talbiet mhumiex misthoqqa ghaliex il-Prim Ministru u l-Ministru intimat mhumiex il-Iegittimi kontradittur ta' dawn il-proceduri kif spjegat fl-ewwel paragrafu;

23. Illi apparti minn hekk ma hemm xejn x'jigi likwidat u ordnat li jigi mhallas ghaliex fil-fehma tal-esponenti ma sehh l-ebda ksur tal-jeddijiet kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tar-rikorrenti;

24. Illi fl-ahharnett ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafi 3 sa 5, ir-rikorrenti ma tistax jippretendi li tigi kkumpensata bhall-proceduri Balzan vs Prim Ministru et (15/08);

Dwar it-Tmien TaIba
25. Illi galadarba ma hemm l-ebda riskontru ta' lezjoni ebda rimedju ma ghandu jinghata lir-rikorrenti;

26. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju safejn ir-rikorrenti qeghda tghid li l-ligi tikser il-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta u li l-kirja favur Amanda u Marie Chantal Aloisio ghandha tigi mwaqqfa, tali talbiet mhumiex misthoqqa;

27. Illi jekk ir-rikorrenti qed issostni li hija qeghda ggorr piz sproporzjonat minhabba li l-ammont ta' kera li qed tircievi ma jirriflettix il-valur reali tal-fond inkwistjoni, dan ma jistax jigi rimedjat bit-tnehhija tal-ligi jew bl-izgumbrament ta' Amanda u Marie Chantal Aloisio. Dan qed jinghad ghaliex wiehed ma jistax fl-istess nifs jaghraf l-iskop, il-htiega u l-legittimita tal-mizura msemmija fl-artikolu 12A tal-Kap. 158 biex imbaghad jinnewtralizzaha billi jaghmilha inapplikabbli bl-izgumbrament tal-okkupanti;

28. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha;

Rat ir-risposta tal-ahwa Aloisio li tghid hekk:

llli min-naha tal-esponenti hija mehtiega biss risposta ghall-ahhar talba.

IIli ma hemmx lok ghall-izgumbrament mitlub kontra I-esponenti, u dan fuq I-iskorta tal-istess sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali Ii fuqha mibnija din il-kawza. Fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Dicembru, 2012, fejn kien involut Brian Bajada, il-Qorti esplicitament qalet Ii min qed joqghod fil-fond ma kien jahti xejn.

II-gvern u I-Parlament ghamlu ligi Ii pprotegiet lill-esponenti Ii jkollha saqaf fuq rasha. L-Istat Malti hekk hass Ii hu gust u xieraq.

Dan bl-istess mod, Ii I-Istat Malti kien ta permess tal-bini, u dan mhux bi dritt, lill-awturi tal-attrici, biex art Ii kienet agrikola tista' tinbena. Ma thallasx il-valur jew parti minnu ta' kemm giet tiswa I-art b'permess bhal dak, u mhux fuq livell wiehed imma fuq 4 livelli. Imma dak I-element tal-permess jidher Ii jintesa mill-attrici rikorrenti, kif jinsewh I-ohrajn Ii ghandhom appartamenti fl-istess inhawi. II-permess qisu ma jiswa xejn. Il-gustizzja titlob li kollox ghandu jitqieghed fil-kfief tal-mizien, halli mhux dejjem ixaqleb lejn is-sid.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-fatti tal-kaz, hekk kif jinstiltu mill-atti tal-kawza jirrizulta, illi r-rikorrenti kellha s-sub-dirett dominju tal-appartament numru 3, formanti parti minn korp ta' bini bl-isem "St. Julian's Court", fi Triq Manwel Dimech, (gia Prince of Wales Road), San Giljan. Dan is-sub-dirett dominju temporanju, u s-sub-cens relattiv ta' Lm113 (ekwivalenti ghal €263.22), kif impost fuq l-imsemmi appartament, kien ghadda lilha permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tal-21 ta' Ottubru, 1972, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Spiteri (esebit a fol. 10 tal-process), ghaz-zmien li kien ghad fadal mill-koncessjoni sub-enfitewtika originali, li saret fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino tal-14 ta' Gunju, 1957 (esebit a fol. 20 tal-process), flimkien mal-konsolidazzjoni tas-subutile dominju mad-dirett dominju (jew man-nuda proprjeta), wara l-iskadenza tal-koncessjoni sub-enfitewtika. Ir-rikorrenti tispjega li hija akkwistat taht l-istess titolu t-tliet appartmenti l-ohra formanti parti mill-istess blokk, permezz ta' tliet kuntratti ohra.

Ir-rikorrenti tishaq li hija kienet qeghda tippretendi li tiehu lura l-appartamenti battala, fi tmiem il-koncessjoni enfitewtika u sussegwentement, fl-ahhar tas-sena 2006, bdiet il-proceduri opportuni sabiex tinterpella l-okkupanti tal-appartamenti kollha, sabiex jirrilaxxaw l-appartament li kien fil-pussess rispettiv taghhom. Izda, peress li l-okkupanti kollha, nkluz l-ante causa tal-intimati ahwa Aloisio, Carol-Ann Micallef Eynaud, baqghu inadempjenti u baqghu jokkupaw il-fond rispettiv, kif akkwistati minnhom, hija bdiet il-proceduri opportuni sabiex jigu zgumbrati mill-istess appartamenti, inkluz fil-kaz odjern, l-okkupanti tal-appartament numru 3.

Gara pero, li permezz tal-Att Numru XVIII tas-sena 2007, kien emendat il-Kap. 158 (L-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar). Bis-sahha tal-istess emendi, kien mizjud l-artikolu 12 A, li peress li kien maghmul japplika anke ghal dawk il-cnus li lahqu ghalqu qabel l-1 ta' Lulju, 2007 (artikolu 12A(4) tal-Kap. 158), (inkluz ic-cnus kollha li kienu lahqu ghalqu qabel ma dahal fis-sehh l-imsemmi Att), dawk id-djar ta' abitazzjoni li fi tmiem l-enfitewsi, kienu okkupati minn cittadini Maltin, bhala r-residenza ordinarja taghhom, l-okkupanti nghataw id-dritt li jkomplu jzommu l-istess

fond, inkluz dak tar-rikorrenti fil-kaz tal-appartament in kwistjoni, taht titolu ta' kera (artikolu 12(1)(b) u (2) tal-Kap. 158). Dan pogga lir-rikorrenti fi stat kbir ta' incertezza dwar meta setghet tiehu lura l-pussess ta' din il-proprjeta. Ir-rikorrenti tishaq illi hija qatt ma accettat ebda pagament wara li skada c-cens u ghalhekk ilha ma jkollha dhul mill-istess proprjetà mis-sena 2002. Hija tilmenta wkoll li ladarba l-ligi tal-2007 bidlet it-titolu minn wiehed ta' cens ghal wiehed ta' kera, dan tefa' wkoll piz iehor fuqha, dak ta' tiswijiet straordinarji ta' kull appartament li hija mcahhda mill-pussess u t-tgawdija tieghu, ghal zmien indefinit.

Sadanittant ir-rikorrenti pprezentat proceduri kostituzzjonali li jgibu referenza 15/2008 fl-ismijiet **Angela sive Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru et**, b'referenza ghall-appartament numru 1 fl-istess blokk ta' appartamenti, li gie deciz b'mod finali mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Dicembru, 2012. Permezz ta' l-imsemmija sentenza, dik il-qorti, filwaqt li kkonfermat dak li ddecidiet il-Prim Awla, in kwantu cahdet it-talbiet ghal dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni; iddikjarat illi l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap.158 ghall-proprjeta tar-rikorrenti, tikser il-jeddijiet taghha mharsa taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea; izda rrevokat u rriformat dak deciz taht it-tielet kap tas-sentenza tal-Prim'Awla u minflok ipprovdiet li, bhala rimedju, l-intimati rapprezentanti tal-Gvern, kellhom ihallsu in solidum lir-rikorrenti s-somma ta' €60,000, bhala kumpens talli gie lez lilha d-dritt taghha ta' proprjeta kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea.

Dan il-kumpens inghata lir-rikorrenti wara li l-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat li l-kera dovuta lir-rikorrenti a tenur tal-artikolu 12A tal-Kap.158, kienet fis-somma ta' €490.59 fis-sena, mentri l-valur lokatizju tal-appartament numru 1 hekk kif stmat mill-perit tekniku appuntat minn dik il-qorti kien dak ta' €7,000 fis-sena (esebit ukoll f'dawn l-atti bhala Dok. AB3, a fol. 138 tal-process). Dan wara li gie kkunsidrat ukoll illi ghalkemm l-Istat ghandu margini wiesgha ta' diskrezzjoni u kellu s-setgha li permezz tal-ligi jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta, fl-interess generali sabiex in-nies ikollhom fejn joqoghdu, madankollu dan ma kellux isir a skapitu tal-interess privat. Ghalkemm l-interess tas-sid bhala individwu kellu jcedi fil-konfront tal-interess generali, dan ma jfissirx li l-individwu kellu jerfa l-piz sproporzjonat li gabet fis-sehh l-istess ligi, izda li l-

istess sid kellu jircievi kumpens xieraq u proporzjonat ghal dak li jkun qieghed jigi mcahhad fl-interess generali. Kien ritenut li l-mekkanizmu ghall-kumpens li holoq il-Gvern b'din il-ligi, kien bahar jaqsam 'il boghod, minn dak li s-sid tkun intitolata ghalih, kieku thalliet tpoggi l-appartament taghha ghall-kera fuq is-suq liberu. Ghalhekk inhasset il-htiega illi jinstab bilanc gust, bejn l-interess generali li tkun provduta l-akkomodazzjoni tac-cittadini u l-interess tas-sid li jiehu kumpens gust ghall-proprjetà tieghu. Dawn il-konsiderazzjonijiet kollha wasslu lill-Qorti Kostituzzjonali tordna lill-Gvern ihallas lir-rikorrenti il-kumpens, kif fuq inghad.

Wara li nghatat l-imsemija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ladarba l-principju tal-kawza odjerna kien identiku ghal dik hawn fuq imsemmija, ir-rikorrenti ppretendiet u ghalhekk interpellat lill-awtoritajiet governattivi sabiex a bazi tal-istess principji, tinghata kumpens hekk kif determinat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz tal-appartament numru 1, li qieset applikabbli ghal dan il-kaz ukoll, minghajr il-htiega li jsiru proceduri gudizzjarji ulterjuri. Hija stenniet li kellu jintlahaq xi forma ta' ftehim ghall-kumpens gust, ghall-okkupazzjoni kontinwata tal-appartament *de quo* da parti tal-intimati Aloisio, jew li l-Gvern johloq xi mekkanizmu gust ghaliha kif suggerit mill-qorti. Izda sfortunatament, il-partijiet qatt ma waslu ghal ftehim, bil-konsegwenza, li r-rikorrenti kellha tiftah il-proceduri odjerni fil-konfront tal-Gvern u l-okkupanti tal-appartament numru 3, sabiex tinghata rimedju, peress li ssostni li hija baqghet imcahhda mit-tgawdija tal-proprjeta taghha ghal dan iz-zmien kollu, minghajr ma nghatat il-kumpens li jisthoqqilha, bi ksur tad-drittijiet taghha.

Mix-xhieda tal-intimata Marie-Chantal Aloisio jirrizulta li hija flimkien m'ohtha u omma marru joqghodu fl-appartament numru 3, St. Julian's Court, fi Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema ghall-habta tas-sena 1983. Tghid li l-appartament inxtara min-nannu taghha sabiex l-omm u t-tfal setghu jghixu fih, wara li dan inghata parir li ladarba jiskadi c-cens, setghu jibqghu jghixu fih. Izda wara li skada c-cens fl-2002, fittxew il-parir tal-konsulent legali taghhom, meta s-sid bdiet tghid li ser tiehu l-passi legali mehtiega sabiex tizgumbrahom. Ghall-ewwel, is-sid hadet passi ta' zgumbrament mill-appartament fil-konfront tal-omm, izda meta din giet nieqsa, il-proceduri legali odjerni nbdew kontra taghha u t'ohtha. Hija tishaq li n-nannu taghha kien akkwista l-appartament bil-fehma, li l-familja taghhom tkun tista' tibqa' tghix fl-istess

appartament, mhux ghal zmien determinat, izda sabiex jaghtihom serhan il-mohh li kellhom post fejn jghixu. Tishaq li hija u l-familjari taghha ma ghamlu xejn kontra l-ligi u ghalhekk ma tistax tifhem kif jistghu jigu zgumbrati mill-istess appartament. In kontro-ezami, hija tixhed li ohtha ma tghix maghha kontinwament, izda tigi toqghod maghha ghal madwar xahar fis-sena.

L-intimati l-ohra rapprezentanti tal-Gvern, ressqu affidavit tal-perit Paul Buhagiar, konsulent tal-Gvern, li nghata l-inkarigu li jispezzjona l-appartamenti kollha f' St. Julian's Court, f'San Giljan, fosthom dak mertu tal-kawza odjerna. Huwa jispega li ghamel il-valutazzjoni tal-appartament, wara li ghamel spezzjoni u ha diversi fatturi in konsiderazzjoni, bhall-qies u l-istat ta' manutenzjoni li fih jinsab l-appartament, il-posizzjoni tieghu, il-fatt li l-binja ghandha madwar sittin sena u s-soqfa ta' fuq li jaghtu ghal barra waslu biex jinbidlu, id-domanda li hemm ghal appartament fis-suq, kif ukoll id-densità tal-popolazzjoni fil-lokalita in kwistjoni. Wara li jispjega diversi fatturi u kalkoli ohra illi ghamel, l-imsemmi perit wasal ghal stima tal-appartament *de quo* tal-qies ta' 186 metru kwadru, fis-somma ta' €191,300, filwaqt li l-kera kurrenti (fl-2015) annwali hija ta' €5,250. Interessanti wkoll li mill-istess Rendikont Generali tal-perit *ex parte* (esebit bhala Dok. PB2 a fol. 157 tal-process), senjatament minn Dok. 5, jirrizulta li hemm erba' blokok ta' bini konsistenti fi 31 appartament li huma milquta bi kwistjoni simili li wasslu ghal 31 kawza quddiem il-qrati! (vide fol. 178 tal-process) Trattati l-fatti, imiss li jigu trattati l-konsiderazzjonijiet legali li jolqtu l-kaz in ezami.

**Eccezzjoni preliminari dwar il-legittimu kontradittur**

L-ewwel li ser tigi trattata hija l-eccezzjoni preliminari mressqa da parti tal-intimati l-Onorevoli Prim' Ministru u l-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali, in kwantu jsostnu li ma kellhomx ghalfejn jitharrku f'dawn il-proceduri u dan kif jipprovdi l-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Din l-eccezzjoni taghhom tissejjes fuq l-argument li ladarba permezz ta' l-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti qeghda tattakka l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prezenza tal-Avukat Generali bhala imharrek fil-proceduri

odjerni hija bizzejjed, u ghalhekk il-Prim Ministru u l-Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju.

L-artikolu 181B(1) jipprovdi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Fis-sub-incinz (2) il-ligi tkompli tghid li l-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji, li minhabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment tal-Gvern. Illi l-ewwel eccezzjoni hija li l-Prim Ministru u l-Ministru mhumiex legittimi kontraditturi. Madankollu huwa stabbilit, li meta qed tigi attakkata dispozizzjoni ta' xi ligi, huwa appuntu l-Prim Ministru li ghandu jigi citat (ara per ezempju **Joseph Abela vs Prim Ministru et** deciza fis-7 ta' Dicembru 1990 mill-Qorti tal-Appell, Sede Kostituzzjonali u **Albert u Maria Cassar vs il-Prim Ministru** deciza minn din il-qorti, diversament preseduta, fil-31 ta' Ottubru, 2011). Wara kollox il-ligi fl-artikolu 242(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili taghti s-setgha lill-Prim'Ministru biex jiehu passi sabiex jaghmel regolamenti li jkunu jhassru l-istrument jew id-disposizzjoni rilevanti li tkun giet dikjarata bhala li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.

Isegwi li din l-eccezzjoni tal-intimati ser tigi milqugha biss fil-konfront tal-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali.

**L-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**

Imiss li jigi trattat il-mertu tal-proceduri odjerni. It-talba principali tar-rikorrenti ticcentra ruhha proprju fuq dak ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru, 2012 fl-ismijiet **Angela sive Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru et,** in kwantu gie dikjarat li l-artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta jikser id-drittijiet tal-bniedem, hekk kif imharsa taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ir-rikorrenti titlob li jigu applikati l-principji u r-rimedji enuncjati fl-imsemmija sentenza ghall-appartament numru 3.

L-intimati rapprezentanti tal-Gvern isostnu li l-ewwel talba hija legalment insostenibbli peress li sentenzi dwar l-inkompatibilita tal-ligijiet ma' drittijiet fundamentali jaghmlu

stat biss bejn il-partijiet fil-kawza u ma ghandhomx effett *erga omnes.* Jargumentaw li kull kaz ikollu c-cirkostanzi partikolari u l-fattispecie tieghu u li fi kwalunkwè kaz hemm intimati godda li ma kenux parti fil-proceduri l-ohra (Rikors Numru 15/2008).

Huwa ritenut li huwa minnu dak li jghidu l-intimati, fis-sens li jibqa' jghodd il-principju li "*s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rapprezentant legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza*", kif jipprovdi l-artikolu 237 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan ifisser li meta l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni jghid illi jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni ghandha tipprevali u l-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett, u meta l-art. 3(2) tal-Kap. 319 jghid illi l-ligi ordinarja ghandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea, ukoll tkun bla effett, dan ifisser illi dik il-ligi inkonsistenti, ghandha tkun bla effett ghall-ghanijiet tal-kawza, li fiha dik l-inkonsistenza tkun dikjarata, izda tibqa' fis-sehh ghal ghanijiet ohra, sakemm ma tigix imhassra b'ligi ohra jew taht l-artikolu 242(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghalhekk minkejja li s-sentenzi tal-Qrati taghna ghandhom l-*auctoritas rerum similiter iudicatarum,* jibqa' l-fatt li s-sentenza citataa mir-rikorrenti ghandu jkollha l-effett *inter partes* u mhux *erga omnes* (Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-11 ta' Novembru, 2011, fl-ismijiet **John Bugeja vs Il-Provincjal Reverendu Alfred Calleja OFM Conv. et**).

Madankollu, xorta jibqa' l-htiega li jigu ezaminati l-pretensjoniijiet tar-rikorrenti fuq il-mertu proprju taghhom, sabiex isir l-ezami jekk l-artikolu 12A tal-Kap. 158 jiksirx il-jeddijiet fondamentali taghha, hekk kif applikati fic-cirkostanzi tal-kaz, quddiem din il-qorti llum. Jekk wiehed iqis li l-azzjoni tar-rikorrenti, hija principalment imsejsa fuq l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Kap. 319, li jipprovdi:

> Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.
> Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjetà skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni;

Fil-fehma ta' din il-qorti, il-Gvern ezercita s-setgha moghtija lilu meta ppromulga l-Att XVIII tas-sena 2007, li bih proprjeta li kienet tirreverti lura lis-sidien ladarba jiskadi c-cens temporanju, tibqa' f'idejn l-okkupanti, din id-darba b'titolu ta' kera, impost mill-ligi. L-ghan wara l-istess ligi kien wiehed legittimu u fl-interess pubbliku, sabiex jipprovdi akkomodazzjoni fil-qasam socjali, peress li kienet tezisti sitwazzjoni li diversi persuni, li setghu kienu vulnerabbli, jispiccaw minghajr saqaf fuq rashom. Ghalhekk l-ghan tal-ligi kienet definittivament tikkontrolla l-uzu tal-proprjeta u dan fl-interess generali. Izda skont l-interpretazzjoini moghtija lill-imsemmi artikolu, f'diversi kazijiet kemm f'Malta, kif ukoll mill-Qorti Ewropea, il-piz li jintlahaq dan l-ghan, ma ghandux jintefa kollu fuq is-sid u dana b'rispett ghall-principju ta' proporzjonalita. Kif kellha okkazzjoni din l-istess qorti tirrileva, fis-sentenza ta' din il-qorti, diversament preseduta, tal-11 ta' Frar, 2015, fl-ismijiet **Raymond Cassar Torregiani vs Avukat Generali et,** inghad:

> il-fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1" (**Sporrong & Lonnroth vs Svezja, Applik. Nru. 7151/75**)
>
> Illi huwa stabilit li biex indhil fit-tgawdija tal-gid ta' persuna jkun gustifikat fl-interess generali, irid jintwera li hemm utilità konkreta ghal dak l-indhil, u mhux semplici ipotesi ta' bzonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess generali jew pubbliku ghandu jibqa' jsehh ghaz-zmien kollu tal-indhil fit-tgawdija tal-gid tal-persuna;
> …
> Illi minbarra dan, kif inghad aktar qabel, huwa accettat li s-setgha tal-Istat li jindahal biex b'ligi jikkontrolla l-uzu tal-gid taht l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgha wiesgha u diskrezzjonali. Dejjem tibqa' l-htiega li jintwera (mill-istess Stat) l-interess generali u l-bilanc xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita (**Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs L-Avukat Generali et**, Kost 08/01/2007);
> …
> Illi huwa accettat ukoll li s-setgha moghtija lill-Istat li jikkontrolla l-uzu tal-gid ukoll ghal ghanijiet socjali jew fl-interess pubbliku trid titwettaq b'mod proporzjonali mal-interessi tas-sid privat fit-tgawdija ta' hwejgu. Din il-proporzjonalità tinkiseb fis-sura ta' hlas ta' kumpens xieraq u ghalhekk jekk il-kumpens mahsub mil-ligi ma jkunx xieraq, jonqos l-element tal-proporzjonalit. Jekk jonqos dan l-element, ikun hemm ksur tal-jedd fundamentali ghat-tgawdija pacifika tal-gid kif imhares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Dan hu wkoll is-sens tad-decizjoni fil-kaz **Amato Gauci vs Malta**, deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru, 2009, meta osservat li fejn l-

istat johloq sistema ta' "*forced landlord – tenant relationship for an indefinite time*", irid jigi assigurat li lis-sid jinghata kumpens li mhux "*manifestly unreasonable*", kumpens li mhux necessarjament ikun daqs dak li joffri s-suq, imma lanqas ma ghandu jwassal li jaghti lis-sid "*only a minimal profit*".

Applikati dawn il-principji, ghall-kaz in ezami quddiem din il-qorti, jirrizulta li kieku ma dahlitx fis-sehh il-ligi li tressqet permezz tal-Att XVIII tal-2007, li biha ddahhal l-artikolu 12A, l-intimati Aloisio ma kienx ikollhom dritt jibqghu jghixu fl-appartament in kwistjoni taht titolu ta' kera, peress li l-fond, qabel ma dahlet l-imsemmija ligi, ma kienx protett taht il-Kap. 158. Ghalhekk ir-rikorrenti li kellha s-sub-dirett dominju tal-appartament in kwistjoni, kienet qeghda tistenna li tiehdu lura fi tmiem is-sena 2002, peress li dak iz-zmien il-ligi kif kienet ma kenitx tolqot il-proprjeta taghha. Kif rajna mill-provi, rrizulta li l-fond ghandu l-valur lokatizzju ta' bejn €5420 u €7000 fis-sena. Jirrizulta wkoll li l-ante causa tal-intimati li akkwista s-subutile dominju temporanju tal-appartament in kwistjoni, permezz tal-kuntratt tat-18 ta' Ottubru, 1984, ghamel dan ghaz-zmien li kien fadal ta' madwar tmintax-il sena, ghas-sub-cens annwu u temporanju ta' Lm 135 (meta l-indici tal-gholi tal-hajja kien 426.18). Ghalhekk meta c-cens ghalaq fl-2002, l-indici tal-gholi tal-hajja kien 638.54. Dan iwassal ghall-kera li kellha tithallas ghall-ewwel hmistax-il sena bir-rata ta' Lm 202.29 (ekwivalenti ghal €471.18 fis-sena) (Dan b'applikazzjoni tal-artikolu 12(2)(1) tal-Kap. 158). Isegwi li l-ligi kif inhi, tintitola lir-rikorrenti li tircievi kera ta' €471.18 fis-sena, li lanqas tammonta ghal 10% ta' dak li effettivament jista' jaghtiha s-suq.

Ghalkemm huwa veru li l-kumpens mhux bilfors ikun daqs kemm jaghti s-suq hieles, dan lanqas ma ghandu jfisser illi jista' legittimament ikun hekk baxx, illi ma jkollu realta ta' xejn mar-realta ekonomika. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Jannar, 2014, fl-ismijiet **Dr Cedric Mifsud et vs L-Avukat Generali et**). Din il-qorti tqis illi din il-kunsiderazzjoni wahedha taghti lok ghal konkluzjoni illi hemm nuqqas ta' proporzjon bejn il-protezzjoni li l-Istat qed jaghti lill-inkwilin u d-dritt tas-sid ghal tgawdija sostanzjali u effettiva tal-proprjeta taghha. Lanqas ma jregi l-argument tal-intimati li l-isproporzjon huwa indirizzat peress li bl-introduzzjoni tal-Att X tal-2009, il-valur tal-kera beda joghla kull tliet snin kif jipprovdi l-artikolu 1531C tal-Kodici Civili, in kwantu l-imsemmi artikolu mhux applikabbli ghall-

kaz in ezami ladarba l-kera skattat fis-sena 2002 (wara l-1 ta Gunju, 1995). Ghalkemm il-protezzjoni tal-kera taht l-artikolu 12A tal-Kap. 158, kif jghidu l-intimati, mhix wahda perpetwa, fi kwalunkwe kaz, huwa ritenut li s-sid, fit-tgawdija legittima tal-proprjeta taghha, mhux qed tiehu l-frott ragonevolment mistenni, tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-*fattispecie* tal-kaz fejn l-Istat qieghed jippromulga ligijiet biex jipprotegi l-akkomodazzjoni ghal persuni li ghalihom hi applikabbli l-ligi.

Ghalhekk certament isegwi li fil-kaz odjern ma tirrizultax is-sens ta' proporzjonalita mehtiega bejn it-tqassim xieraq ta' pizijiet u beneficcji li jrid l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Fil-fehma ta' din il-qorti, jsegwi li r-rikorrenti bejn is-sena 2002 u 2012, garrbet il-ksur tal-jedd taghha ghat-tgawdija pacifika ta' hwejjigha, kif imharsa bl-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-ewwel talba tar-rikorrenti jisthoqqilha li tintlaqa', b'dan illi l-materja tal-kumpens ser tigi trattata aktar 'il quddiem.

Dak appena deciz ghandu japplika wkoll ghat-talba tar-rikorrenti limitatament sa fejn din titlob dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea bejn l-2012 sal-lum. Izda kif gustament rilevat mill-intimati, din il-qorti hija prekluza milli tiddeciedi tali lezjoni fir-rigward tal-futur, peress li dan ma jkun xejn ghajr spekulazzjoni. Ghalhekk din il-qorti qeghda tiddeciedi li tilqa' dan l-ilment limitatament kif jirrizultalha sal-lum il-gurnata. Dan isegwi dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Dr Cedric Mifsud et vs L-Avukat Generali et** fejn inghad:

> d-danni li tista' tillikwida l-qorti huma d-danni li garrbu l-atturi sallum; ma tistax taghti danni ghall-gejjieni ghax ma tafx dan l-istat ta' inkonsitenza mad-drittijiet u l-libertajiet fondamentali kemm sejjer idum. Dan qalitu wkoll il-Qorti Ewropea fil-kaz fuq imsemmi ta' Amato Gauci:
> "Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied. It is therefore not for the Court to quantify the amount of rent due in the future.

**L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**

Ir-rikorrenti, tilmenta wkoll li l-uzu u l-okkupazzjoni tal-proprjeta taghha da parti tal-intimati Aloisio u n-nuqqas taghhom milli jhallsu kumpens xieraq qeghdin jilledu wkoll

id-dritt taghha ghal protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjeta bla kumpens ai termini tal-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-parti relevanti tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tipprovdi hekk:

> (1) Ebda proprjeta ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju, hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist –
> (a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq;
> (b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens; u
> (c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta' appell mid-decizjoni taghha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta.

Ghalkemm ir-rikorrenti tispezzetta t-talbiet taghha taht l-artikolu 37(1) huwa ritenut li dan l-ilment jista' jigi ndirizzat b'mod holistiku. Applikat dan l-artikolu ghall-kaz in ezami, huwa ritenut illi t-tehid tal-pussess tal-appartament sar b'mod obbligatorju fuq is-sid in kwantu l-kera fuq il-proprjeta taghha giet imposta permezz tal-ligi tas-sena 2007 u ghalhekk saret kontra r-rieda taghha.  Certament ma jistax jinghad li l-kirja hija rizultat ta' ftehim bejn is-sid u l-okkupant, anzi kif inghad mir-rikorrenti hija qatt ma accettat hlas wara li skada c-cens.  Ghalhekk ghalkemm f'dan il-kaz wiehed ma jistax jitkellem dwar esproprjazzjoni, il-kera kienet imposta fuq ir-rikorrenti, li ma nghatat ebda ghazla. Inoltre l-konsiderazzjonijiet li saru qabel dwar in-nuqqas ta' kumpens xieraq, li kellu jinghata lir-rikorrenti fil-forma ta' kera hekk kif stipulata fil-ligi, meta kkumparata ma' dak li setghet iggib fis-suq, ghandhom japplikaw fl-analizi ta' dan l-artikolu wkoll.

Illi kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Mary Anne Busuttil vs Tabib John Cassar et,** datata l-31 ta' Ottubru, 2014:

> L-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni jhares mhux biss kontra t-tehid tal-proprjeta shiha minghajr kumpens xieraq, b'mod li tinholoq sitwazzjoni fejn "is-sid originali gie zvestit u mnezza minn kull dritt li ghandu fuq dik il-proprjeta", izda jrid ukoll illi "ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun" ma jittiehed minghajr kumpens xieraq;

Mill-kliem adoperat fil-provvediment kostituzzjonali in ezami, jirrizulta car li l-legislatur ried li tinghata intepretazzjoni wiesgha ghall-oggett ta' tehid li jista' jkun "interess" jew "dritt" fi proprjeta "ta' kull xorta."  Dan qieghed jinghad ukoll fuq l-iskorta ta' dak li

ntqal fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, tal-24 ta' Gunju, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Curmi et vs Avukat Generali et**:

> Jigi osservat li, ghalkemm il-kaz odjern ma jittrattax esproprijazzjoni imma jirrigwardja t-tehid ta' interess fi proprjeta ghal skopijiet ta' kirja, dan it-tehid ta' interess tant hu rigidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jippriva lir-rikorrenti bhala sidien mill-uzu u mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom. Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gurisprudenza indikata mill-Avukat Generali li tghid li l-kontroll ta' uzu u tgawdija ta' proprjeta` huwa ezenti mill-applikazzjoni tal-artikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni, hi tal-fehma li f'dan il-kaz non si tratta semplicement ta' kontroll ta' uzu izda si tratta ta' tehid ta' interess fi proprjeta u ghalhekk jaqa' fil-protezzjoni tal-artikolu kostituzzjonali fuq citat.

Ghalkemm kif jinghad mill-intimati huwa minnu li r-rikorrenti ma kenitx svestita minn kull dritt li ghandha fuq il-proprjeta in kwistjoni, bhal meta jkun hemm esproprjazzjoni, madankollu, lanqas jista' jinghad li l-ligi tas-sena 2007 tikkostitwixxi semplici kontroll fl-uzu u fit-tgawdija tal-proprjeta. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-qorti, kif preseduta fis-sentenza taghha tas-6 ta' Ottubru, 2016, fl-ismijiet **Michael D'Amato noe vs Awtorita tad-Djar et**).

Isegwi li t-talbiet tar-rikorrenti sa fejn dawn jissejjsu fuq l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni, wkoll jimmeritaw li jintlaghu.

**Nuqqas ta' rimedju effettiv taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Imiss li l-Qorti tqis ukoll l-ilment tar-rikorrenti dwar in-nuqqas ta' rimedju effettiv taht l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni. Illi l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

> Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali.

Da parti taghhom l-intimati rapprezentanti tal-Gvern isostnu li sa fejn l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq l-artikolu in ezami, ma jistax iregi in kwantu il-proceduri kostituzzjonali odjerni ghandhom is-sahha li jaghtu r-rimedju lir-rikorrenti jekk jinstab li verament gew miksura d-drittijiet imharsa taht il-Konvenzjoni Ewropea. Izidu jghidu li l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma jehtiegx xi procedura partikolari ta' kif jinghata

rimedju, izda li fuq livell nazzjonali jkun jezisti rimedju effettiv fejn jinstab li sehhet lezjoni konvenzjonali.

Huwa principju accettat illi l-artikolu 13 huwa wiehed ta' natura ancillari in kwantu:

> *Article 13 cannot be invoked independently from, but only in conjunction with, one or more of the substantive rights and freedoms of the Convention (**Van Dijk, Van Hoof, van Rijn, Zwaak op. Cit**, 4th Edition, 2006).*

Din il-Qorti taqbel mal-fehma tal-intimati li l-artikolu 13 jitlob l-ezistenza ta' rimedju effettiv fuq livell nazzjonali li jwassal ghall-harsien effettiv tal-jeddijiet mahsuba fil-Konvenzjoni u li jkun jista' jitqies l-ilment tal-ksur tal-jedd konvenzjonali fil-mertu tieghu u kif ukoll li jinghata rimedju effettiv f'kaz ta' sejbien ta' ksur. Dan ma jfissirx li r-rimedju moghti jiggarantixxi ta' bilfors is-success jew l-ezitu garantit, izda li jkun wiehed li jista' jintlahaq bla tahbit kbir u bil-mezzi xierqa disponibbli lill-persuna fil-qafas tas-sistema gudizzjarja jew amministrattiva nazzjonali. (Ara f'dan is-sens sentenza tal-20 t'Ottubru, 2015, ta' din il-qorti, diversament preseduta, fil-kawza fl-ismijiet **Rosalie Darmanin vs Il-Prim'Ministru et**).

Ghalhekk in kwantu permezz tal-proceduri odjerni nstab li r-rikorrenti sofriet lezjoni tad-drittijiet konvenzjonali taghha u jsegwi wkoll li jixraq li tinghata rimedju effettiv, kif ser jigi mistharreg aktar 'il quddiem, ma jirrizultax il-htiega li jigi nvestit dan l-ilment ulterjorment f'dan l-istadju.

**Dritt ta' smigh xieraq taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**

L-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi hekk:

> Kull Qorti jew Awtorita ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.

Huwa ritenut li dan is-sub-artikolu jirreferi ghal proceduri quddiem "Qorti jew awtorita ohra gudikanti" li jkunu diga "mibdija" u ma jikkontemplax sitwazzjoni fejn ikun hemm dewmien f'dak li ghandhom jigu meqjusa bhala atti amministrattivi jew legislattivi, bhal ma hu l-kaz in kwistjoni.

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **John Curmi nomine vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et**, deciza fis-26 ta' Gunju 2009, irriteniet illi d-dewmien da parti tal-Kummissarju sabiex jibda l-proceduri ta' esproprjazzjoni:

> … ma jgibx il-lezjoni tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni billi dan l-artikolu jipprospetta sitwazzjoni fejn il-proceduri quddiem Qorti jkunu gia mibdija.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti taht dan l-artikolu ma jirrizultawx misthoqqa.

**Allegata lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Il-parti relevanti ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

> Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu ... kulhadd huwa intitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi.

Minn ezami ta' dan l-artikolu jirrizulta li l-kwalifika li sabiex jiskatta l-obbligu li l-proceduri jintemmu fi zmien ragonevoli, dawk il-proceduri jkunu "mibdija", kif mahsub taht il-Kostituzzjoni, ma tirrikorrix fil-kaz tal-artikolu tal-Konvenzjoni in ezami.

Fil-fatt, kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tat-3 ta' Frar, 2012, fl-ismijiet **Vica Limited vs Kummissarju tal-Artijiet et**:

> Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, biex jigi stabbilit jekk il-proceduri ghad-determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligazzjonijiet civili jkunux hadu "zmien ragjonevoli" id-data li minnha jibda' jigi komputat iz-zmien mhux necessarjament id-data li fiha jkunu nbdew il-proceduri rilevanti.

Fil-kaz **Deguara Caruana Gatto vs Malta**, deciza fid-9 ta' Lulju 2013, il-Qorti Ewropea ghamlet din l-osservazzjoni relevanti*:*

> Abnormally lengthy delays in the payment of compensation for expropritation lead to increased financial loss for the person whose property has been expropriated putting him in a position of uncertainty [see Akkus v Turkey, 9 July 1997 para.29/} The same applies to abnormally lengthy delays in administrative or judicial proceedings in which such compensation is determined, especially when people whose property has been expropriated are obliged to resort to such proceedings to which they are entitled. [see Aka v Turkey, 23 September 1988 para.49..]

Meta din il-Qorti tadotta dawn l-insenjamenti ghall-fatti rizultanti fil-kaz in ezami, jigi osservat illi f'dan il-kaz, ladarba r-relazzjoni kuntrattwali ta' kera impost fuq ir-rikorrenti mal-intimati Aloisio, saret permezz tal-ligi tas-sena 2007, kien jispetta lilha sabiex jew tattakka l-ligi jew tikkontesta l-applikazzjoni taghha, kif qeghda taghmel permezz tal-proceduri odjerni. Huwa minnu li hija ntavolat proceduri analogi (15/2008) fil-kaz ta' appartament iehor li ghandha, li gew determinati favuriha, mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-7 ta' Dicembru, 2012, u hija kienet qeghda tittama li konsegwenza ta' dik is-sentenza, l-Gvern kien ser jiehu l-passi mehtiega sabiex jindirizza l-problema imposta fuqha bl-istess ligi li saret minnu, fuq l-appartamenti l-ohra li hija kellha li wkoll intlaqtu bl-istess ligi. Izda ladarba l-Gvern ma weriex li kien lest li jasal ghal ftehim fuq il-kwistjoni, kien jispetta lir-rikorrenti sabiex tibda l-proceduri odjerni. Madankollu l-fatt li l-Gvern qieghed jiehu certu tul ta' zmien biex permezz ta' legislazzjoni opportuna, jindirizza l-izbilanc li nholoq bl-Att XVIII tal-2007, kontra s-sidien, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jsarrafx f'nuqqas t'access ghal qrati jew nuqqas ta' smigh xieraq.

Ghalhekk din il-qorti ma tistax tara kif l-ilment tar-rikorrenti jista' jinkwadra ruhu taht dan l-artikolu konvenzjonali u ghalhekk ser tichad it-talbiet tar-rikorrenti f'dan is-sens.

**Sodisfazzjon xieraq - artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea**

Ir-rikorrenti tilmenta ukoll bi ksur tad-dritt taghha ta' sodisfazzjon xieraq ai termini tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-imsemmi artikolu 41 tal-Konvenzjoni jipprovdi hekk:

> Jekk il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Konvenzjoni jew tal- Protokolli taghha, u jekk il-ligi interna tal-Parti Gholja Kontraenti kkoncernata tippermetti biss riparazzjoni parzjali, il-Qorti ghandha taghti s-soddisfazzjon xierqa lil-parti leza jekk ikun necessarju.

Ghalkemm il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u l-Protokolli maghmula tahtha huma parti mil-ligi ta' Malta safejn huma inkorporati fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319), l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni ma giex hekk inkorporat. Isegwi li dak l-artikolu huwa indirizzat lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mhux lill-qrati taghna u ghalhekk sa fejn it-talbiet tar-rikorrenti tressqu "*ai termini* tal-artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea", dawn saru

hazin. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Settembru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Maria Stella sive Estelle Azzopardi Vella et vs Avukat Generali et.**) Dan pero, ma jfissirx illi ma ghandu jinghata ebda rimedju ghall-ksur tad-drittijiet tar-rikorrenti, wara kollox l-istess rikorrenti talbet ukoll kumpens u li tinghata r-rimedji kollha ohra opportuni u effettivi, inkluz li tigi dikjarata nulla jew inapplikabbli il-ligi in kwistjoni u konsegwentement l-izgumbrament tal-ahwa Aloisio.

Ghalhekk sa fejn it-talbiet tar-rikorrenti jissejsu fuq dan l-artikolu tal-Konvenzjoni, ukoll ma jistghux jintalqghu.

**Kumpens xieraq u rimedji ohra**

Ir-rikorrenti titlob li tinghata kumpens xieraq ghall-ksur tad-drittijiet li hija garrbet. Tabilhaqq huwa ritenut, illi konsegwenza tal-ksur tal-jeddijiet, hekk kif riskontrati qabel, il-kumpens huwa rimedju xieraq u misthoqq, tenut kont l-indhil sproporzjonat li r-rikorrenti garrbet fil-jedd tat-tgawdija tal-gid taghha u ghall-privazzjoni mill-interessi fil-proprjeta taghha minghajr kumpens xieraq. Hija l-fehma ta' din il-qorti li ghandu jkun l-Istat li ppromulga l-ligi u kkreja din is-sitwazzjoni zbilancata li ghandu jaghmel tajjeb ghal dan il-kumpens. Dan jinghad ukoll peress li l-intimati ahwa Aloisio qeghdin fil-prezent jokkupaw l-appartament numru 3 fi Blokk A, St. Julian's Court, f'San Giljan, billi qeghdin jistriehu fuq il-provvediment tal-artikolu 12A tal-Kap. 158, kif promulgat mill-Gvern fl-2007.

Huwa ritenut illi r-rimedju li trid taghti din il-Qorti huwa kumpens ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali hekk kif riskontrati permezz ta' din is-sentenza u mhux danni civili. It-telf effettiv li garrbet ir-rikorrenti huwa certament kriterju relevanti ghall-*quantum* tal-kumpens ghall-ksur tad-dritt fondamentali, izda ma huwiex il-kriterju wahdieni u determinanti. Din il-qorti ma tistax ma tqisx ukoll l-inerzja da parti tal-Gvern, li baqa' ma ghamel xejn sabiex b'intervent legislattiv jirrimedja s-sitwazzjoni. Ghalhekk kriterji meqjusa relevanti huma, l-fatt li r-rikorrenti ilha mill-2002 ma tiehu kumpens adegwat ghall-uzu li qed isir mill-fond da parti tal-intimati Aloisio, l-ghan socjali li trid tilhaq il-ligi, in-nuqqas tal-Gvern li jagixxi permezz tal-legislazzjoni opportuna sabiex jikseb bilanc proporzjonat, li wassal ghal din il-kawza, il-

konsiderazzjonijiet maghmula dwar il-kera xierqa, tenut kont l-istimi tal-periti li jinsabu fl-atti, kif ukoll ir-relativita ma' kawzi ohra fejn il-fatti jixbhu dawk tal-lum, (b'mod partikolari s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li ggib referenza 15/2008), iwasslu lil din il-qorti ghall-konkluzjoni li l-kumpens gust li ghandu jinghata mill-Gvern, ghall-ksur tad-drittijiet taghha, ghandu jkun ta' hmistax-il elf euro (€15,000) ghad-danni kemm dawk pekunarji, kif ukoll non-pekunarji, u dan qed jinghad tenut ukoll in konsiderazzjoni ma' dak li ser jinghad u provdut fil-paragrafi sussegwenti li hu rimedju mhux mitlub fil-kawza **Angela Balzan u Onor Prim Ministru et** (Kost 07/12/2012), u b'referenza ghas-sentenza **Ian Peter Ellis pro et noe vs Maggur Alfred Cassar Reynaud et** (Kost 27/01/2017).

Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-rimedju mitlub mir-rikorrenti ghall-gejjieni, jekk tordna biss il-hlas ta' danni u thalli li l-ligi jkompli jkollha effett, il-qorti tkun qieghda effettivament tippermetti li jkompli jtul iz-zmien ta' l-istat ta' anti-kostituzzjonalita, bil-htiega li r-rikorrenti tiftah kawza kostituzzjonali perjodikament biex tiehu l-kumpens ghall-ksur li ser tkompli ggarrab. Konsegwentement, minflok ittemm stat ta' ksur tad-drittijiet fondamentali, il-qorti tkun qieghda tippermetti li jitkompla, bil-kondizzjoni tal-hlas ta' danni, meta dak li jridu l-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali hu li dawk id-drittijiet jitharsu tassew, u mhux ikomplu jinkisru basta jithallsu danni, bhallikieku l-hlas tad-danni huwa licenza ghall-ksur kontinwat tad-drittijiet fondamentali. F'dan il-kuntest, din il-qorti ghalhekk taqbel ma' dak ritenut mill-Qrati taghna meta jinghad minnhom illi "m'huwiex id-dmir tal-qorti biex tghid kif ghandu jsehh bilanc bejn l-interessi tal-privat u l-interessi l-ohra": dak id-dmir huwa tal-legislatur; id-dmir tal-qorti huwa li tara li ligi li ma tharisx dak il-bilanc tkun bla effett. (Ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal- 31 ta' Jannar, 2014, fil-kawza fl-ismijiet **Dr Cedric Mifsud et vs L-Avukat Generali et**).

Ghalkemm mhux kompitu ta' din il-Qorti li tordna l-izgumbrament tal-intimati Aloisio, u ghalhekk isegwi li t-talba tar-rikorrenti f'dan is-sens ma tistax tintlaqa', il-posizzjoni legalment korretta skont il-Kap. 319 hija, li jekk din il-ligi tinkiser, kif effettivament irrizulta f'din is-sentenza, li nkiser il-jedd tar-rikorrenti li tgawdi hwejjigha, ir-rimedju mahsub taht il-Kap. 319, huwa dak provdut permezz tal-artikolu 3 (2) tal-istess ligi, jigifieri li din il-qorti tiddikjara li dik il-ligi, "safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."

Dan ifisser li f'kawza ghal zgumbrament, quddiem il-Qorti jew tribunal kompetenti, l-ahwa Aloisio ma jistghux jinqdew bl-artikolu 12A tal-Kap. 158 ghad-difiza taghhom.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, il-qorti tiddisponi mill-kawza billi:
i.Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurta Nazzjonali u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
ii. Tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti u jigi dikjarat li bl-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 ghall-proprjeta taghha, qeghdin jigu miksura d-drittijiet taghha kif imharsa bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;
iii. Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kwantu n-nuqqas ta' kumpens ghall-privazzjoni taghha mill-interessi fil-proprjeta taghha jikkostitwixxi wkoll ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni;
iv. Tichad it-talbiet tar-rikorrenti ghal dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6, 13 u 41 tal-Konvenzjoni Ewropea;
iv. Tillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti ghal ksur riskontrat, fis-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000), talli gew lezi d-drittijiet taghha ta' proprjeta kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea u mill-Kostituzzjoni;
v. Tikkundanna lill-intimati Avukat Generali u l-Onorevoli Prim Ministru ihallsu in solidum s-somma ta' hmistax-il elf euro (€15,000) lir-rikorrenti Angela sive Gina Balzan;
vi. Ma tqisx it-talba tar-rikorrenti ghall-izgumbrament tal-intimati Aloisio, izda tghid li dawn ma jistghux jinqdew bl-artikolu 12A tal-Kap. 158 biex jilqghu ghal kull azzjoni li ghamlet jew li tista' taghmel r-rikorrenti fil-forum kompetenti sabiex tikseb l-izgumbrament taghhom mill-proprjeta *de quo;*
vii. Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu in kwantu ghal terz mir-rikorrenti, terz mill-intimati rapprezentanti l-Gvern ta' Malta u terz mill-intimati ahwa Aloisio.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur